MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1144/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Martin u Anna mizzewgin Attard (K.I. numri 339658 (M) u 248461 (M))**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur Bank of Valletta p.l.c. fejn gie premess:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Camilleri Cutajar, datat 18 ta' Settembru 2007 (Dok. "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Martin u Anna mizzewgin Attard.

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Martin u Anna mizzewgin Attard fis-somma ta' dsatax-il elf, mitejn u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€19,223.27), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account"* ta' Martin u Anna mizzewgin Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 t'Ottubru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibiti bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Martin u Anna mizzewgin Attard,

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti fl-obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Martin u Anna mizzewgin Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazing il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenuti Martin u Anna mizzewgin Attard gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Mejju 2011, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'C', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk il-bank attur talab li jigi dikjarat u deciz illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Martin u Anna mizzewgin Attard (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulate fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti fl-obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Martin u Anna mizzewgin Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u li l-konvenuti kundannati jhallsu flimkien u

"*in solidum,"* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' dsatax-il elf, mitjen u tlieta u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€19,223.27), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account"* ta' Martin u Anna mizzewgin Attard mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "B1 sa B3"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 t'Ottubru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Rat li l-konvenuti ipprezentaw nota ta' ammissjoni fit-23 ta' Jannar, 2012.

Fuq l-ammissjoni tal-konvenuti, l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha tal-bank attur u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti "*in solidum"* bejniethom ihallsu lill-bank attur is-somma ndikata fir-rikors promotur bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti "*in solidum*" bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------